L-ewwel nett nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha prezenti li accettaw l-invit biex jattendu u jaghtu sehemhom f'din il-Konferenza Nazzjonali dwar l-Immigrazzjoni Irregolari.

Jekk hawn suggett li ilu jigi diskuss madwar il-pajjiz ghal dawn l-ahhar xhur dan huwa l-feneomenu ta' l-immigrazzjoni irregolari. Sas-sena 2002, il-wasliet ta' immigranti irregolari li kienu jaslu f'Malta kienu rari b'ammont zghir ta' madwar 50/60 immigrant kull sena. F'Marzu tal-2002 il-Gvern kien inawgura centru gdid, bil-facilitajiet kollha, li kien mahsub biex jilqa madwar 100 persuna, u li kien mahsub li kien bizzejjed biex ilahhaq mal-wasliet ta' immigranti. Izda f'dik l-istess sena kellna spluzjoni fin-numru ta' dawk li nizlu fuq xtutna, meta fi ftit xhur waslu f'Malta 1,680 klandestin, nofs in-numru ta' trabi li jitwieldu f'Malta f'sena.

Dan l-ammont kbir ta' immigranti, li kollha waslu tul perjodu qasir ta' zmien, kien holoq problemi kbar, jekk mhux krizi, lill-awtoritajiet Maltin li ma kienux lesti ghal influs daqshekk qawwi ta' persuni. Is-sena ta' wara in-numru nizel ghal ftit iktar minn 500. Imbaghad tul ix-xhur tas-sajf tas-sena li ghaddiet l-ghadd ta' immigranti li waslu rega' tela ghal kwazi 1400. L-istil tal-wasla ta' immigranti irregolari kien xi ftit differenti minn tas-snin ta' qabel ghax dawn minflok waslu fi gruppi kbar fuq vapuri u lanec kbar waslu f'ghadd ta' dghajjes zghar bi ftit ghexieren ta' persuni fuqhom.

Malta hija l-izghar stat u l-iktar wiehed b'densita kbira ta' popolazzjoni. Pajjizna fih 316 kilometri kwadri u f'kull kilometru kwadru jghixu 1,360 ruh. X'ifisser dan? Kienu kellna niehu ezempju b'pajjiz girien taghna, l-Italja, insibu li proporzjonalment ghad-daqs tal-pajjiz l-ammont ta' immigranti li waslu f'dawn l-ahhar tlett snin f'Malta (3,600) kien qisu li waslu 3,400,000 immigrant fl-Italja u jekk naghmlu paragun mal-popolazzjoni in-numru jkun ta' 518,000. Dan l-influss qawwi ghamel pressjoni kbira fuq ir-rizorsi kemm umani u kemm finanzjarji tal-pajjiz. Il-Forzi Armati ghandhom 160 suldat li huma stazzjonati biss ma' l-immigranti irregolari waqt li l-Pulizija ghandhom 140 ufficjal, b'dawn ta' l-ahhar jinqalghu mix-xoghol regolari taghhom jigifieri dik li jharsu l-ligi.

Skond il-Ligi Maltija, li ilha fis-sehh sa mis-snin sebghin, kull min jidhol fil-pajjiz minghajr permess ghandu jinzamm f'detenzjoni sakemm jew jinghata gharfien bhala refugjat jew jinghata protezzjoni umanitarja jew inkella it-talba tieghu ma tigiex milqugha u wara li jitlef anki l-appell, li ghandu dritt ghalih, jigi ripatrijat lura lejn pajjizu.

Id-detenzjoni kienet diskussa u f'kazi ikkritikata minn organizazzjonijiet barranin u anki Maltin. F'din il-kwistjoni ma nistghux nirrangunaw bl-emozzjoni. Ma nistghux inhallu s-sentimenti jigru bina. Naf li s-sitwazzjoni f'dentenzjoni mhux facli, imma hawn irridu inkunu responsabbli u naraw li npoggu l-ewwel l-interess nazzjonali. Mhux qed nghid li dan ghandu jsir b'dannu ghad-drittijiet ta' l-immigranti. Dawn huma nies li ssugraw hajjithom biex ifittxu futur ahjar fl-Ewropa. Hawn min huwa favur li dawn l-immigranti jinhelsu hekk kif jaslu malta. Imma tajjeb li nirriflettu xi jkun ifisser dan – x'jigri kieku kellna naqbdu l-1400 immigrant li waslu Malta is-sena li ghaddiet u hliesnihom. Kif kienu ser jaffettwaw lill-pajjiz? Kif ser jigu kontrollati? Hawn min jssugerixxa li biex jinzamm kontroll fuq l-immigranti dawn jistghu jigu obbligati li jiffirmaw kuljum f'xi ghassa tal-pulzija. Imma hawn xi hadd li jista jghid 'xisir minn dawn l-immigranti bejn il-hinijiet li jiffirmaw.

Nahseb li kulhadd jifhem li bhala pajjiz ckejken ma stajniex inhallu mijiet ta' nies mhux maghrufa jiggerrew fit-toroq taghna. Fejn ser jorqdu? Kif ser jieklu? Fejn ser jahdmu? Huwa fatt maghruf li minn kull zewg applikazzjonijiet li jsiru ghall-kenn, tintlaqgha wahda. Jigifieri li nofs dawk li jkunu inhelsu ser ikollhom l-applikazzjoni taghhom rifjutata, b'rizultat li dawn ikunu ripatrijati. Hawn xi hadd li jiggarantixxi li dawk li l-applikazzjoni taghhom ma tintlaqax ser jaccettaw li jigu ripatrijati bil-kwiet. Jistghu dawn jaghmluha difficli anki biex jinstabu?

Bid-detenzjoni ghallinqas l-immigranti jkunu koncentrati f'post wiehed fejn ikunu taht ghajnejn l-awtoritajiet ta' l-immigrazzjoni. Tista tghid li l-immigranti kollha li jaslu Malta ma jkollhom l-ebda dokument ta' identifikazzjoni u dan jaghmilha difficli ghall-awtoritajiet ta' l-immigrazzjoni biex jistabilixxu minn liema pajjiz ikunu gew. Wiehed irid jifhem li l-awtoritajiet tas-sahha u tal-forzi ta' l-ordni iridu jaccertaw ruhhom li l-ebda persuna li tasal Malta illegalment ma jkollha xi mard infettiv u jizguraw li tkun minima l-possibilita li fost dawk li jidhlu ma jkunx hemm xi kriminali jew terroristi. Dan huwa importanti ghas-sigurta ta' pajjizna kif ukoll ghas-sigurta ta' l-Ewropa issa li Malta saret il-fruntiera tan-nofsinhar ta' l-Ewropa. B'dan ma rridx infisser li m'hemmx lok li c-centri ta' detenzjoni jtejjbu l-kundizzjonijiet.

Fil-waqt li tifhem il-pozizzjoni xejn felici ta' l-immigranti irregolari, ma tistax tlum lil xi whud li juru certa biza bl-ammont ta' immigranti li qed jaslu Malta. Dawk li qed jinghataw protezzjoni qed jithalltu mas-socjeta Maltija, mhux minghajr diffikultajiet, l-iktar ghalihom infushom. B'dan kollu hawn numru konsiderevoli ta' Maltin li qed juri

thassib. Hawn min lil dawn l-emigranti qed iqishom bhala theddida ghal Malta. Forsi ghax jibzghu li jiehdu xoghol il-Maltin, li jistghu ihallu effett hazin fuq is-socjeta taghna. L-ammont ta' ittri li jidhru regolari f'gazzetti lokali juru li hawn hafna li huwa kontra li l-pajjiz jghin lill-immigranti. Bhala Maltin u bhala nsara ma nistghux nibghatu dawn il-messaggi barra minn pajjizna. Il-Maltin dejjem ghexu mal-barranin, minn Rumani sa Gharab, minn Francizi sa Inglizi u m'ghandux jidhol xi spettru ta' xenofobja jew razzizmu illum, li ahna membri ta' Unjoni ta' kwazi 500 miljun ruh li kollha ghandhom id-dritt li jigu u jmorru fi x'hin iridu. Jista jkun li din il-biza qed tigi minhabba l-kultura jew ir-religjon ghalkemm mhux eskluz li dan, jew parti minnu, qed jigri minhabba r-razza. Izda mhux accettabbli f'socjeta li jkun hemm manifestazzjonijiet razzisti.

Sa ftit taz-zmien ilu, kull immigrant irregolari li kien jidhol Malta kien jittiehed il-Qorti u talbiet ghal status ta' refugjat kienu jinstemghu minn ufficjali tal-UNHCR f'Ruma. Grazzi ghall-Ligi dwar ir-Refugjat li permezz taghha inhatar l-ewwel Kummissarju ghar-Refugjati f'Malta, dawk l-immigranti irregolari, tista tghid dawk kollha li jigu Malta, li jitolbu status ta' refugjat jew protezzjoni umanitarja jkollhom il-kaz taghhom ezaminat mill-Kummissarju. Kull kaz jigi investigat individwalment u l-kazijiet kollha jigu processati fi zmien relattivament qasit ta' erba' xhur. Dawk li t-talba taghhom ghal xi raguni jew ohra ma tigix accettata ghandhom id-dritt li jmorru quddiem il-Bord ta' l-Appell li twaqqaf bl-istess ligi. Jekk imbaghad anki l-appell jigi mitluf il-persuna tigi deportata lura f'pajjizha.

Minkejja c-cokon ta' pajjizna u l-problemi li l-immigrazzjoni irregolari tohloq Malta hija l-pajjiz fl-Ewropa bl-iktar rata gholja ta' accettazzjoni, jigifieri li taghti protezzjoni. Fil-fatt minn kull zewg applikazzjonijiet li jsiru, wahda tigi milqugha u l-persuna involuta tinghata jew status ta' refugjat jew protezzjoni umanitarja. Hekk kif tinghata xi forma ta' l-istatus, kull persuna tinghata d-dritt ghax-xoghol, id-dritt ghal edukazzjoni u servizzi tas-sahha kif ukoll dokument ta' ivvjaggar. Dawk kollha li jinghataw status ta' refugjat u ma jsibux jahdmu jinghataw il-beneficcji socjali kollha li jiehdu cittadini Maltin. Dawk li jinghataw protezzjoni umanitarja jinghataw *allowance* kuljum. Tajjeb li jigi enfasizzat li dawn jistghu jghixu f'centri miftuha kemm tal-Gvern u kemm tal-Knisja kif ukoll jiehdu tlett ikliet kuljum minghajr l-ebda hlas. Il-Pulizija bhalissa qed tohrog iktar 1,600 platt ikel kuljum biex dawn jieklu. Barra minhekk hafna ghaqdiet mhux governattivi jaghtu mhux biss kenn, bhal per ezempju is-sorijiet tal-Buon Pastur f'Hal Balzan u l-Laboratorju tal-Paci, izda joffru ghanuna ohra bhal dik legali, socjali u anki jaghtu

donazzjonijiet lil persuni fic-centri. Hidma eccellenti ssir ukoll mill-Kummissjoni Emigranti mmexxija minn Monsijur Philip Calleja.

F'dawn l-ahhar gimghat id-Dipartiment tas-Sahha waqqaf klinika biex tkun vicin ic-centri kemm ta' detenzjoni u kemm dawk miftuha. Dan inaqqas l-iskarrig lejn centri tas-sahha jew l-isptar u fl-istess waqt jaghti ftit ta' nifs lill-pulizija li kieku riedu jakkumpanjaw dawk li jinsabu f'detenzjoni kull meta jkollhom bzonn li jaraw tabib. Minhabba li huwa mahsub li hafna mill-madwar 800 immigrant li bhalissa jinsabu f'detenzjoni ser jinghataw xi forma ta' protezzjoni huwa cert li l-problema ta' iffullar mic-centri tad-detenzjoni ser tmur fic-centri miftuha. Il-Gvern identifika post iehor li bhalissa qed jigi ikkonvertit u irrangat biex iservi ta' Centru Miftuh iehor.

Il-problema ta' l-immigrazzjoni mhux il-problema tal-Gvern tal-gurnata. Il-problema ser tibqa maghna ikun min ikun qed imexxi il-pajjiz. Il-Konferenza Nazzjonali ghandha l-ghan li tisma l-pozizzjonijiet ta' dawk kollha li huma involuti f'dan il-fenomenu. L-ghan mhux li nwasslu biss il-kritika imma li kulhadd iressaq proposti, soluzzjonijiet vijabbli li l-Gvern b'kunsens jkun jista' jattwa biex waqt li jizgura li d-drittijiet ta' l-immigranti ikun imharsa fl-istess hin jizgura li anki l-interess nazzjonali ikun imhares.

Fti ilu il-Gvern ippublika dokument dwar dwar l-Immigranti Irregolari, Refugjat u Integrazzjoni. Din hija l-politika li ser ihaddan il-Gvern. L-ghan huwa li tul din il-Konferenza nibnu fuq dan id-dokument biex fl-ahhar titfassal strategija nazzjonali ta' kif ghandna niffaccjaw din il-problema ghal gid ta' kulhadd. Diga hemm qbil ma' l-Opozizzjoni li wara li tintemm il-Konferenza ghandu jitwaqqaf Kumitat biex ifassal din l-istrategija. Nawgura jumejn ta' diskussjoni serja biex jintlahaq l-iskop li iltqajna hawn. Perswaz li kull min hawn prezenti ser jaghti kontribut siewi biex dan l-ghan jintlahaq.

Grazzi